



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.10.2012
COM(2012) 601 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

**dwar is-Sejbiet Ewlenin tar-Rapport ta' Monitoraġġ Komprensiv tal-istat ta' tħejjija
tal-Kroazja għas-sħubija fl-UE**

{SWD(2012) 338 final}

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar is-Sejbiet Ewlenin tar-Rapport ta' Monitoraġġ Komprensiv tal-istat ta' thejjiġa tal-Kroazja għas-sħubija fl-UE

1. Introduzzjoni

In-negozjati ta' adeżjoni mal-Kroazja ntemmu f'Ġunju 2011. Wara l-opinjoni favorevoli tal-Kummissjoni, il-kunsens tal-Parlament Ewropew u d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-dħul tal-Kroazja, it-Trattat ta' Adeżjoni ġie ffirmat fid-9 ta' Diċembru 2011 (ĠU L 112, 24.4.2012). Il-Kroazja rratifikat it-Trattat ta' Adeżjoni u se ssir membru tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013, sakemm it-Trattat ta' Adeżjoni jiġi ratifikat mill-Istati Membri kollha. Bħala pajjiż aderenti, il-Kroazja għandha status attiv ta' osservatriċi matul il-perjodu *interim* qabel l-adeżjoni.

Waqt in-negozjati, il-Kroazja qablet ma' numru ta' impenji, li jridu jiġu implimentati sa mhux aktar tard mid-data tal-adeżjoni, sakemm ikun intlaħaq ftehim dwar arranġamenti tranżitorji speċifiċi.

Fid-Dokument ta' Strateġija u r-Rapport tagħha ppubblikati f'Ottubru 2011, u fir-Rapport ta' Monitoraġġ dwar it-tħejjijiet ta' adeżjoni tal-Kroazja ta' April 2012¹, il-Kummissjoni nnotat il-progress li għamlet il-Kroazja fit-tħejjijiet tagħha għall-adeżjoni. Il-Kummissjoni identifika ukoll numru ta' oqsma fejn hu neċessarju aktar titjib sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha tas-sħubija. Il-Kroazja żviluppat pjan ta' azzjoni biex issegwi s-sejbiet tar-Rapport ta' Monitoraġġ t'April. Il-pjan ta' azzjoni qed jiġi implimentat, b'numru ta' miżuri li diġà ġew adottati. B'mod notevoli, sar avvanz fir-ristrutturar ta' Brodosplit, u d-diskussjonijiet huma mixjin 'il quddiem fir-rigward tal-arranġamenti ta' privatizzazzjoni u ristrutturazzjoni għal 3.Maj and Brodotrogir. L-implimentazzjoni tal-istrateġija tar-riforma ġudizzjarja u l-pjan ta' azzjoni kompliet u strateġija riveduta bħalissa qed tiġi ffinalizzata. Il-Gvern ippropona lill-Parlament leġislazzjoni ta' infurzar ġdida. Kompla jiġi żviluppat rekord ta' riżultati fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u ttieħdu l-passi inizjali għat-twaqqif tal-Kummissjoni dwar il-Kunflitt ta' Interess. Fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, ġew adottati emendi fl-Att l-ġdid antidiskriminatorju u fil-leġislazzjoni ġdida dwar l-Ombudsman. Id-diskussjonijiet intensifikaw mal-Bosnija u Herzegovina biex jiġu indirizzati kwistjonijiet pendenti dwar il-ġestjoni tal-fruntieri. Ġie nnotat progress fl-allinjament mad-Direttorat tas-Servizzi u fil-qasam ta' rikonossiment reċiproku ta' kwalifiki professjonali. Il-miżura ta' miżata/ta' taxxa fuq servizzi mobbli tneħħiet b'effett minn Lulju 2012.

L-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni jeħtieġ lill-Kummissjoni li timmonitorja mill-viċin l-impenji kollha li ttieħdu mill-Kroazja fin-negozjati ta' adeżjoni b'fowkus b'mod partikolari fuq il-politika ta' kompetizzjoni, il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali, u s-sigurtà tal-ħelsien u l-ġustizzja. L-Att jipprovdwi wkoll lill-Kummissjoni biex tippreżenta Rapport ta' Monitoraġġ Komprensiv lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-ħarifa 2012.

Din il-Komunikazzjoni tiġbor is-sejbiet ewlenin tar-Rapport ta' Monitoraġġ Komprensiv, li jivvaluta l-progress li sar mill-Kroazja fit-tħejjijiet tagħha għall-adeżjoni fil-perjodu minn

¹ COM(2012) 186 final.

Ottubru 2011 sa Settembru 2012, tipprovdi valutazzjoni ġenerali tal-livell ta' tħejjija għal sħubija u tenfasizza l-oqsma fejn hemm il-ħtieġa ta' aktar sforzi sabiex il-Kroazja tkun lesta għal sħubija għall-1 ta' Lulju 2013.

Ir-rapport ivvaluta l-istat ta' tħejjija tal-Kroazja fuq il-bażi tal-kriterji politiċi u ekonomiċi għas-sħubija u tar-rekwiżit biex tadotta u timplimenta l-acquis tal-UE, kif imniżżel mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen fl-1993.

Il-valutazzjoni hija bbażata fuq l-informazzjoni miġbura u analizzata mill-Kummissjoni, inkluż input ipprovdut mill-Kroazja, u l-informazzjoni maqsuma mill-Istati Membri, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili fil-kuntatti regolari tagħhom mal-Kummissjoni. Ir-Rapport huwa bbażat ukoll fuq is-sejbiet tal-Kummissjoni fit-Tabelli ta' Monitoraġġ aġġornati, għodda ta' ħidma mmirata li ssegwi fid-dettall l-impenji kollha tal-Kroazja fil-kuntest tan-negozjati.

Permezz ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni timmira wkoll li tgħin lill-Kroazja fit-tħejjija ulterjuri għas-sħubija.

2. Il-konformità tal-Kroazja mal-kriterji ta' Kopenhagen – ġabra tas-sejbiet

2.1 Il-Kriterji politiċi

Il-Kroazja tkompli tissodisfa l-**kriterji politiċi**. Fl-oqsma kollha koperti mill-kriterji politiċi (l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggwarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-ħarsien ta' minoritajiet), ix-xogħol tkompla u r-riżultati qed isiru tanġibbli. L-isforzi jridu jtkomplew biex dawn ir-riżultati jiġu konsolidati.

F'Diċembru 2011 saru *elezzjonijiet parlamentari* f'ambjent pluralistiku u kienu amministrati b'mod effiċjenti u trasparenti. Kien neċessarju titjib fir-rigward tal-manutenzjoni tal-lista ta' votanti, li għaliha diġà beda x-xogħol. Fil-qasam tal-*amministrazzjoni pubblika*, hemm ħtieġa ta' aktar sforzi għat-titjib tal-professjonaliżmu tas-servizz pubbliku. It-tlestija tal-implimentazzjoni b'mod effiċjenti tal-qafas legali rilevanti hija neċessarja sabiex ikun hemm servizz pubbliku modern, kredibbli, trasparenti u orjentat lejn iċ-ċittadin. Fid-dawl tar-ristrutturar sostanzjali riċenti tal-amministrazzjoni pubblika, u billi jiġu kkunsidrati r-responsabbiltajiet addizzjonali relatati mas-sħubija tal-UE, il-Kroazja għandha tindirizza mingħajr dewmien il-limiti tal-kapaċità amministrattiva identifikati fil-Rapport ta' Monitoraġġ Komprensiv u biex jiġi żgurat li t-twettiq tat-tħejjijiet għas-sħubija tal-UE ma jiġix affettwat.

Fil-qasam tal-*ġudikatura*, tkomplew sforzi għat-tisħiħ tal-indipendenza, ir-responsabbiltà, l-imparzjalità u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura. Il-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat (SJC) u l-Kunsill ta' Prosekuzzjoni tal-Istat (SPC) komplew jaħdmu b'mod indipendenti. Iż-żewġ korpi komplew jaħtru uffiċjali ġudizzjarji fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti, uniformi u oġġettivi. Huma meħtieġa sforzi biex itejbu l-funzjonament tagħhom speċjalment sabiex iwettqu l-kompiti miżjuda tagħhom inkluż iċċekkjar sistematiku u preċiż ta' dikjarazzjonijiet tal-assi u applikazzjoni proattiva ta' proċeduri dixxiplinari. Hu meħtieġ titjib fil-proċeduri li jwassal għall-għażla u l-assenjar ta' mħallfin u prosekuturi ġodda. Il-Kroazja komplet timplimenta miżuri varji bil-għan li titjib l-effiċjenza tal-ġudikatura. Waqt li n-numru ta' kawżi b'lura jkompli jonqos, in-numru ta' kawżi ċivili qodma żdied fl-aħħar 18-il xahar. Din it-tendenza ġenerali għal żieda ta' kawżi mhux deċiżi, l-aktar kawżi ċivili, kummerċjali, ksur u infurzar hija kwistjoni ta' tħassib. Il-leġiżlazzjoni ta' infurzar irriveduta, adottata mill-Gvern

f'Lulju 2012, teħtieġ li tiġi adottata mill-Parlament u implimentata sabiex twassal għal iktar riżultati konkreti.

Fir-rigward tal-*ġlieda kontra l-korruzzjoni*, għad hemm qafas legali u istituzzjonali adegwat fis-seħħ u rekord ta' implimentazzjoni li jkompli jiġi żviluppat. Korpi ta' infurzar tal-liġi jibqgħu proattivi, speċjalment fuq każijiet ta' livell għoli. Il-livell lokali ta' korruzzjoni jeħtieġ attenzjoni, b'mod partikolari fil-ksib pubbliku. Il-Kroazja tejbet ir-rekord tagħha ta' miżuri ta' prevenzjoni msaħħa permezz ta' numru ta' strumenti legali preventivi. Madankollu, il-Kroazja ma implimentatx b'mod sħiħ il-kunflitt ta' interess li għandha l-leġiżlazzjoni u qalbet id-dispozzizzjonijiet preċedenti fuq il-kriterji għal sħubija ta' bordijiet superviżorji u ta' ġestjoni ta' kumpaniji pubbliċi. Ittieħdu passi inizjali għat-twaqqif tal-Kummissjoni ta' Kunflitt ta' Interess, bil-pubblikazzjoni mill-Parlament tat-talba għall-espressjoni ta' interess għall-għażla tal-membri tal-Kummissjoni f'Awwissu 2012. Il-Kummissjoni teħtieġ tkun stabbilita u biex tibda topera mingħajr dewmien. L-għan u l-implimentazzjoni tal-aċċess għal informazzjoni ta' leġiżlazzjoni teħtieġ attenzjoni. Il-Kroazja hija avvanzata fir-rigward ta' kooperazzjoni tal-pulizija u l-*ġlieda kontra l-kriminalità organizzata*. Tkomplew attivitajiet bil-għan li jġibu l-leġiżlazzjoni nazzjonali skont l-acquis tal-UE biex tlaħħaq mal-isfidi fil-ġejjieni tal-*ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fl-UE*.

Fir-rigward tad-*drittijiet bniedem u l-ħarsien ta' minoritajiet*, id-drittijiet tal-bniedem ikomplu jkunu rispettati b'mod ġenerali, b'attenzjoni li għad hi meħtieġa għar-rispett tad-drittijiet ta' persuni leżbjani, gay, bisesswali u transġeneru (LGBT). Id-dimostrazzjonijiet favur l-omosesswali fi Split u Zagreb saru mingħajr inċidenti, b'impenn b'saħħtu tal-Gvern tal-Kroazja għall-organizzazzjoni mingħajr xkiel tagħhom.

Fir-rigward tar-rispett għal u l-ħarsien ta' minoritajiet u drittijiet kulturali, il-ħarsien ta' minoritajiet kompla jitjeb, permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri għall-ħarsien ta' minoritajiet, inkluż l-Att Kostituzzjonali dwar id-Drittijiet ta' Minoritajiet Nazzjonali. Madankollu, il-livell ta' impjeg ta' minoritajiet fl-amministrazzjoni tal-istat u fil-ġudikatura jibqa' inqas mir-rekwiżiti mniżżla fl-att. Skont il-Kostituzzjoni, tmien rappreżentanti ta' minoritajiet nazzjonali kienu eletti fl-elezzjonijiet parlamentari ta' Diċembru 2011. Madankollu, il-Kroazja teħtieġ li tkompli tħaddan spirtu ta' tolleranza lejn minoritajiet, b'mod partikolari Kroati Serbi u biex jittieħdu miżuri għall-ħarsien ta' dawk li jistgħu jkunu għadhom soġġetti għal theddid jew atti ta' diskriminazzjoni, ostilità jew vjolenza. Il-minoranza Roma tiffaċċja kundizzjonijiet ta' għajxien partikolarment diffiċli, u jibqgħu sfidi fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-ħarsien soċjali, il-kura tas-saħħa, l-impjiegi u l-aċċess għal dokumenti personali.

Is-sitwazzjoni fir-rigward ir-ritorn ta' rifuġjati tjieb u l-implimentazzjoni tal-programmi għal djar tal-kura tkompli, għalkemm bi pass iktar bil-mod. Il-kundizzjonijiet għal ritorn sostenibbli ta' rifuġjati għad irid jiġi iktar żviluppat.

Fir-rigward ta' *delitti tal-gwerra*, il-Kroazja tkompli tikkoopera mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY) u biex jiġu proċessati każijiet ta' delitti tal-gwerra. Għandhom jiġu intensifikati sforzi biex jiġu indirizzati b'impunità delitti tal-gwerra, hekk kif il-biċċa l-kbira ta' delitti għad iridu jiġu kkontestati b'suċċess. Iridu jittieħdu miżuri biex jiffaċilitaw il-ħarsien u l-attenzenza ta' xhud fi proċessi quddiem il-qorti kriminali, speċjalment f'każijiet rilokati għal tribunali speċjalizzati. Fir-rigward ta' *kooperazzjoni reġjonali*, il-Kroazja żammet id-djalogu mal-pajjiżi ġirien sabiex tindirizza kwistjonijiet bilaterali miftuħin. Id-Dikjarazzjoni tal-Parlament Kroat ta' Ottubru 2011 dwar il-promozzjoni ta' valuri Ewropej fix-xlokk tal-Ewropa enfasizzat l-impenn sod tal-Kroazja li

tappoġġa l-pajjiżi oħrajn tar-reġjun fit-triq lejn l-UE. Fil-livell bilaterali u reġjonali, il-Kroazja kompliet timpenja ruħha f'kooperazzjoni dwar delitti tal-gwerra u teżisti kooperazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji, b'mod partikolari l-prosekuturi. Il-Kroazja kompliet tikkontribwixxi b'mod attiv lejn il-Proċess tad-Dikjarazzjoni ta' Sarajevo. F'April 2012 saret f'Sarajevo Konferenza internazzjonali tad-Donaturi biex tiżgura finanzjament għal soluzzjoni fit-tul għar-refuġjati kollha fir-reġjun li kienu m'caqalqa bħala riżultat tal-kunflitti armati f'dik li kienet il-Jugoslavja fis-snin 90. Il-Kroazja teħtieġ li talloka l-finanzjament addizzjonali neċessarju.

Bħala pass importanti fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni fir-reġjun, jeħtieġ isir proċess komprensiv għall-analiżi tal-każijiet ta' persuni rrappurtati nieqsa.

Fir-rigward ta' *relazzjonijiet bilaterali*, il-proċedura tal-arbitraġġ internazzjonali tal-fruntieri bejn il-Kroazja u s-Slovenja bdiet u t-Tribunal Arbitrali għamel l-ewwel laqgħa proċedurali tiegħu fit-13 ta' April 2012. Għad irid jinkiseb progress konkret fir-rigward tad-demarkazzjoni tal-fruntieri mas-Serbja, il-Montenegro u l-Bosnja u l-Ħerzegovina.

2.2 Il-kriterji ekonomiċi

L-ekonomija tal-Kroazja stabbilizzat temporanjament f'nofs l-2011 qabel ma daħlet mill-ġdid f'riċessjoni lejn l-aħħar tas-sena. Il-kontrazzjoni ekonomika kompliet fl-ewwel nofs tal-2012. Il-qgħad, id-defiċit pubbliku u d-dejn komplew jiżdiedu fl-2011 minn livelli diġà għoljin. Id-dejn estern għoli jibqa' vulnerabbiltà ewlenija tal-ekonomija.

Fir-rigward il-kriterji ekonomiċi, il-Kroazja hija ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Implimentazzjoni vigoruża ta' riformi strutturali meħtieġa b'mod urġenti għandhom jippermettu lill-Kroazja biex tlaħħaq mal-pressjonijiet kompetittivi u l-forzi tas-swieq fl-Unjoni fuq żmien qasir.

Inżamm kunsens politiku usa' dwar il-fundamentali tal-ekonomija tas-suq. Minħabba l-limiti eżistenti, il-politika makroekonomika kienet, bejn wiehded u l-ieħor, xierqa. Il-bank ċentrali rnexxielu jżomm ir-rata tal-kambju u l-istabbiltà finanzjarja waqt li żamm politika monetarja relattivament akkomodattiva hekk kif pressjonijiet inflazzjonarji sottostanti baqgħu baxxi. Is-suq bankarju baqa' kapitalizzat. Fil-qasam fiskali, l-awtoritajiet għamlu sforzi biex iżommu d-defiċit li kull ma jmur qed jogħla billi qed isir tnaqqis fin-nefqa. Id-defiċit tal-kont kurrenti baqa' f'livell baxx hekk kif żieda mill-ġdid ta' importazzjonijiet kienet ikkumpensata minn żieda fl-esportazzjonijiet. Ġie stabbilizzat id-dejn estern gross, għalkemm f'livell għoli ħafna.

Sar progress bil-mod fir-riformi strutturali f'xi oqsma, mhux inqas b'rispett ta' privatizzazzjoni u r-ristrutturazzjoni ta' intrapriżi li qed jagħmlu telf u kienu ineżistenti f'oħrajn. B'mod partikolari fil-qasam tas-swieq tax-xogħol, fejn diġà l-livelli tal-impjiegi u s-sehem kienu baxxi, ir-riformi għadhom fi stadju bikri ħafna u jeħtieġu li jitħaffu. Il-klima ta' investment kompliet tbat minn piż kbir regolatorju, proċeduri twal, nuqqas ta' ċertezza fl-ambjent legali, nuqqas ta' prevedibbiltà ta' deċiżjonijiet amministrattivi, u numru għoli ta' miżati mhux mit-taxxi. Pagamenti ta' trasferiment soċjali, li jirrappreżentaw sehem relattivament għoli ta' baġits pubbliċi, baqgħu ma jiġux immirati b'mod mhux tajjeb. Jekk tiġi kkunsidrata l-ħtieġa għall-ksib ta' sostenibbiltà fiskali fuq żmien medju, il-proċess baġitarju jista' jitjieb iktar. It-titjib tal-effiċjenza tal-infiq pubbliku jibqa' sfida ewlenija.

2.3 L-abbiltà li jintużaw l-obbligi ta' sħubija.

Rigward l-**abbilità tagħha li jintużaw l-obbligi ta' sħubija**, il-Kroazja kompliet tagħmel progress fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u issa qed tlesti l-allinjament mal-acquis. Madankollu, il-Kummissjoni identifikat numru ta' kwistjonijiet li jeħtieġu attenzjoni kontinwa. L-awtoritajiet Kroati jeħtieġu jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li sal-1 ta' Lulju 2013 il-pajjiż ikun imħejji b'mod sħiħ għal sħubija, inkluż fir-rigward tal-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-acquis.

Skont l-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni, jingħata fowkus b'mod partikolari f'din it-taqsimha dwar il-politika ta' kompetizzjoni, il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

Il-Kapitolu 8 Il-politika ta' kompetizzjoni

Il-Kroazja b'mod ġenerali qed tissodisfa l-impenji u r-rekwiżiti li joħorġu min-negozjati tal-adeżjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni u għandha tkun f'pożizzjoni li timplimenta l-acquis mal-adeżjoni. Għandha tingħata attenzjoni urġenti għall-firma tal-kuntratti għall-privatizzazzjoni tat-tarzni f'diffikultà.

Il-Kroazja fil-biċċa l-kbira allinjat il-leġiżlazzjoni tagħha fl-oqsma ta' **antitrust u ta' fużjonijiet u ta' għajjnuna mill-Istat**. Żammet ukoll l-isforzi tagħha biex tibni rekord pożittiv ta' infurzar. L-Aġenzija responsabbli mill-Kompetizzjoni tal-Kroazja (CCA) hija operattiva b'mod sħiħ u funzjonalment indipendenti; twettaq id-dmirijiet tagħha skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ. Hemm fis-seħħ sistema xierqa ta' fużjonijiet u ta' kontroll ta' għajjnuna tal-Istat.

Fil-qasam tal-**antitrust u fużjonijiet**, mill-1 ta' Ottubru 2011, is-CCA ħarġet 29 deċiżjoni u 25 opinjoni. Is-CCA kompliet tipprovdi lill-Gvern b'valutazzjonijiet ta' abbozzi ta' liġijiet u opinjonijiet oħrajn ta' esperti.

Fil-qasam tal-**għajjnuna tal-Istat**, is-CCA ħadet 30 deċiżjoni, li minnhom 13 involvew skemi ta' għajjnuna u 17 ikkonċernaw miżuri ta' għajjnuna individwali.

Fir-rigward tal-obbligi ta' rappurtaġġ ta' Kroazja fis-settur tagħha tal-azzar, l-ewwel rapporti ngħataw lill-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2011 u fit-18 ta' Ġunju 2012 skont ir-rekwiżiti li ħarġu waqt in-negozjati.

Sisak għad trid tagħti rimborż għall-għajjnuna li rċeviet. F'Ottubru 2011, is-sidien iddeċidew li jagħlqu u jbiegħu l-fabbrika tal-azzar, b'riżultat li l-produzzjoni waqfet. Is-sidien ta' CMC Sisak biegħu l-fabbrika tal-azzar lil investitur ġdid, il-grupp Taljan Danieli.

Ir-rapporti jipprovdu wkoll informazzjoni aġġornata fuq il-proċeduri ta' falliment li jikkonċernaw l-fabbrika tal-azzar l-oħra, Željezara Split.

Fir-rigward tal-obbligi ta' rappurtaġġ ta' Kroazja fis-settur tagħha tat-tarzni, l-ewwel rapport ta' kull nofs sena ngħata lill-Kummissjoni fis-16 ta' Jannar 2012 dwar ir-ristrutturar tat-tarzni Kroati f'diffikultà kif meħtieġ mill-Anness VIII tal-Att tal-Adeżjoni. Ir-rapport għandu dejta dwar il-miżuri li ttieħdu għar-ritorn ta' vijabbiltà, l-għajjnuna użata, il-kontribuzzjoni tagħha stess u l-kapaċità ta' produzzjoni, wara l-metodoloġija għall-implimentazzjoni tal-monitoraġġ mill-Kroazja miftiehma mill-Kummissjoni. Ir-rapport jipprovdi wkoll dettalji fuq il-ftehimiet li jirregolaw il-liġi tal-proprjetà fil-kuntest tal-esproprijazzjoni fid-dominju marittimu. Fis-16 ta' Lulju 2012 il-Kroazja tat it-tieni rapport ta' kull sitt xhur tagħha fuq ir-ristrutturar tal-

industrija tat-tarzni tal-Kroazja. Barra minn hekk, il-Kroazja tat l-ewwel Rapport ta' Output Annwali tat-Tarzni taħt l-istrutturar.

F'Marzu 2012, l-offerta għat-tarzna *Brodosplit* ġiet aċċettata u l-Kroazja indikat li l-kuntratt ta' privatizzazzjoni se jiġi ffirmat fi żmien qasir. L-offerti għat-tarzni *Kraljevica* u *Brodotrogir* ġew rifjutati mill-Gvern u l-offerta għat-tarzna *3.Maj* ġiet irtirata mill-investitur potenzjali. Il-Gvern iddeċieda li jibda proċeduri ta' falliment għal *Kraljevica* u jfittex arranġamenti ġodda ta' privatizzazzjoni u ristrutturar għal *3.Maj* u *Brodotrogir*.

Il-Kroazja teħtieġ li tkompli bl-iffirmar tal-kuntratt ta' privatizzazzjoni ġdid għal *Brodosplit* bħala segwitu għad-deċiżjoni pożittiva tal-Kummissjoni ta' Awwissu 2012, u bil-ksib ta' soluzzjoni għal *3.Maj* u *Brodotrogir*, bħala kwistjoni ta' urġenza sabiex tissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness tat-Trattat dwar ir-ristrutturar tat-tarzni sad-data tal-adeżjoni tal-Kroazja.

Fir-rigward tal-għajnuna eżistenti, il-Kroazja pprovdiet lill-Kummissjoni b'lista ta' 11-il miżura ta' għajnuna li tixtieq li jiġu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti sad-data tal-adeżjoni. Sebgħa minn dawn il-miżuri ġew inklużi fl-Att tal-Adeżjoni. Il-Kroazja teħtieġ li tipprovi aktar informazzjoni fuq dawk li jibqgħu għall-Kummissjoni biex twettaq il-valutazzjoni tagħha.

Il-Kapitolu 23: Il-Ġudikatura u d-drittijiet fundamentali

Il-Kroazja b'mod ġenerali qed tissodisfa l-impenji u r-rekwiżiti li joħorġu min-negozjati tal-adeżjoni fil-qasam tal-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-pajjiż għandu jkun f'pożizzjoni li jimplimenta l-acquis mill-adeżjoni, kif imniżżel fl-10 oqsma elenkati fl-Anness VII tal-Att ta' Adeżjoni. Madankollu, sforzi miżjuda huma meħtieġa biex ikomplu jsaħħu l-istat tad-dritt, bit-titjib tal-amministrazzjoni u s-sistema ġudizzjarja, u għall-ġlieda u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni b'mod effettiv. Il-prosekuzzjoni ta' delitti tal-gwerra domestiċi, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-ħarsien ta' minoranzi jeħtieġu attenzjoni kontinwa.

1) Għat-tkomplija biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija ta' Riforma Ġudizzjarja tagħha u l-Pjan ta' Azzjoni.

L-implimentazzjoni tal-istrateġija tar-riforma ġudizzjarja u l-pjan ta' azzjoni komplet b'mod ġenerali mal-iskadenzi mniżżla, u inkludiet titjib leġiżlattiv f'numru ta' oqsma. Ġew stabbiliti gruppi ta' ħidma u huma attivi biex itejbu aktar il-leġiżlazzjoni speċifika u biex tiżdied il-koordinazzjoni ta' strumenti legali. Ippjanar ta' riżorsi umani, inklużi ħtiġijiet fuq żmien twil tal-ġudikatura, għad irid jiġi mtejjeb. Il-baġit disponibbli għall-ġudikatura baqa' stabbli għal madwar EUR 337 miljun, jew 0,7 % tal-PDG. Fi Frar 2012 kien stabbilit kunsill għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Riforma Ġudizzjarja, li jiffoka b'mod partikolari fuq l-effiċjenza tal-proċedimenti tal-qorti. Emendi lill-Att tal-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat ġew adottati f'Ottubru 2011 biex jiżdied iktar il-kamp ta' applikazzjoni għat-trasferiment ta' persunal ġudizzjarju skont il-ħtiġijiet.

2) Biex tkompli tissaħħaħ l-indipendenza, ir-responsabbiltà, l-imparzjalità u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura.

Komplet l-implimentazzjoni tal-bosta miżuri li ttieħdu fl-2010 u fl-2011 għat-tisħiħ tal-indipendenza, ir-responsabbiltà, l-imparzjalità u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura. Il-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat (KGS) riformat u l-Kunsill tal-Prosekuzzjoni tal-Istat (KPS) komplew jaħdmu b'mod indipendenti.

Iż-żewġ korpi komplew jaħtru uffiċjali ġudizzjarji fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti, uniformi u oġġettivi. Mill-2011 ġew maħtura 63 imħallf. Ġie mdaħħal titjib fl-implimentazzjoni tas-sistema tranżitorja għall-ħatra ta' mħallfin u prosekuturi, inkluż aktar trasparenza fl-immarkar ta' intervisti, b'attenzjoni mogħtija għall-iżgurar ta' trattament ekwu tal-kandidati kollha. Dan hu importanti fix-xhur finali ta' implimentazzjoni tas-sistema tranżitorja, sa Diċembru 2012. Lezzjonijiet li ttieħdu mill-implimentazzjoni tas-sistema tranżitorja għandhom jiġu applikati għall-implimentazzjoni tas-sistema ġdida ta' ħatriet permezz tal-Iskola tal-Istat għal Uffiċjali Ġudizzjarji, li se tibda f'Jannar 2013. Din l-esperjenza għandha tiġi kkunsidrata wkoll fit-tiġdid tal-proċedura tal-għażla għat-trasferiment ta' mħallfin lejn pożizzjonijiet differenti. L-ewwel dħul ta' kandidati għall-Iskola tal-Istat għal Uffiċjali Ġudizzjarji qed jispiċċa t-tieni sena skolastika. Madankollu, ir-reġistrazzjoni tat-tieni dħul annwali ta' 55 kandidat kien imdewwem b'mod sostanzjali, b'kandidati jiġu magħżula biss f'Lulju għall-programm li jibda f'Settembru.

Il-KĠS beda l-implimentazzjoni tas-sistema ġdida ta' dikjarazzjoni tal-assi għal imħallfin. Qed jittieħdu miżuri dixxiplinarji f'każijiet ta' mgħiba ħażina minn uffiċjali ġudizzjarji. Kemm il-KĠS u kemm il-KPS saru iktar proattivi. Madankollu, ir-rekord ta' implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida ta' proċedimenti dixxiplinari għad irid jiġi żviluppat iktar.

Il-KĠS u l-KPS għandhom jingħataw aktar riżorsi amministrattivi biex jiffunzjonaw b'mod aktar effiċjenti u jridu juru indipendenza u responsabbiltà fit-tweġġ tal-kompiti miżjuda tagħhom, inkluż iċċekkjar sistematiku u preċiż ta' dikjarazzjonijiet tal-assi u applikazzjoni proattiva ta' proċeduri dixxiplinari.

Għad trid tiġi emendata leġiżlazzjoni sekondarja biex tillimita l-immunità tal-imħallfin, biex b'hekk jitwettaq il-qafas leġiżlattiv f'dan il-qasam, u aktar gwida għandha tiġi pprovduta fuq l-applikazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta.

L-Akkademja Ġudizzjara kompliet taħdem b'mod tajjeb. Tkomplew programmi ta' taħriġ professjonali, inkluż taħriġ inizjali. Ġie msaħħaħ it-taħriġ fuq il-liġi tal-UE. L-involvement tal-Akkademja Ġudizzjara f'attivitajiet mal-Ewropea żdiedet u l-Kroazja ffirmat Memorandum ta' Qbil mal-Kummissjoni fuq is-sehem fl-UE tal-Programmi ta' Ġustizzja Ċivili u Kriminali. Madankollu, limiti tal-baġit (tnaqqis ta' madwar 28 % fil-baġit tal-2012 meta mqabbel mal-2011) affettwaw il-funzjonament tal-Akkademja. Trid tingħata attenzjoni biex imħallfin ikunu mħejjija b'mod sħiħ biex japplikaw il-liġi u l-ġurisprudenza tal-UE mill-adeżjoni.

3) Biex tkompli tissaħħaħ u titjib l-effiċjenza tal-ġudikatura.

Il-Kroazja kompliet timplimenta miżuri varji bil-għan li titjib l-effiċjenza tal-ġudikatura. Fl-ewwel semestru tal-2012 in-numru ta' każijiet b'lura kompla jonqos b'madwar 12 % u n-numru ta' każijiet ċivili qodma naqas b'madwar 5 %. Madankollu, jeħtieġ sforz ikbar biex jitnaqqas aktar in-numru ta' każijiet ċivili u kummerċjali mhux solvuti. Ftit iktar każijiet ġodda daħlu fis-sistema fl-ewwel semestru tal-2012 (844 218) milli ġew solvuti (836 160).

In-numru ta' każijiet ta' infurzar żdied ukoll b'madwar 5 % fl-ewwel semestru tal-2012, għalkemm sistema ta' infurzar għal talbiet għal flus immexxija mill-aġenzija finanzjarja FINA ħadmet b'mod tajjeb. F'Lulju 2012 il-Gvern ta lill-Parlament proposti għal leġiżlazzjoni ta' infurzar ġdida, li ma tipprovdix iktar għall-introduzzjoni ta' marixxalli pubbliċi. Ladarba tkun adottata s-sistema l-ġdida, se jkollha bżonn tkompli turi l-kapaċità tagħha biex tiżgura l-infurzar ta' deċiżjonijiet tal-qrati u ta' mandati eżekuttivi u għat-tnaqqis ta' każijiet ta'

infurzar b'lura. Trid tingħata aktar attenzjoni għall-iżgurar li l-qrati ogħla, inkluża l-Qorti Suprema, huma mgħammra biżżejjed biex jimmaniġġaw ż-żieda sproporzjonata hekk kif il-kawżi javvanzaw fis-sistema. Is-sistema l-għdida ta' ġustizzja amministrattiva tidħol fis-seħħ f'Jannar 2012, għalkemm b'xi dewmien fil-ħatra tal-persunal neċessarju. Il-Kroazja teħtieġ li tkompli timplimenta l-miżuri ta' effiċjenza maħsuba fl-immedjat u fuq żmien qasir b'ċerta saħħa, b'mod partikolari biex jiġu żgurati rati mtejbja ta' ġestjoni ta' kawżi u t-tnaqqis fin-numru ta' kawżi qodma.

Sar xi progress bl-infrastruttura fiżika u l-kompjuterizzazzjoni tal-qrati. Qed titkompla l-fużjoni tal-qrati bħala parti mill-proċess ta' razjonalizzazzjoni tal-qrati. Qed issir l-introduzzjoni tas-sistema integrata ta' ġestjoni tal-kawżi (ICMS) fi 33 qorti muniċipali. Ladarba titlesta, se tkopri kważi l-qrati kollha fil-Kroazja. Madankollu, is-sistema għandha tiġi applikata mal-qrati kollha, inkluża l-Qorti Għolja tal-Kummerċ u, għall-ġestjoni ta' kawżi ta' reati, il-Qorti Għolja tar-Reati. Madankollu, għad hemm hteġġa ta' aktar titjib fil-ġbir ta' dejta tal-istatistika u analiżi u fil-monitoraġġ tat-tul ġenerali ta' proċedimenti. B'mod ġenerali, qrati ta' reati jeħtieġu tagħmir u bini aħjar. Huma meħtieġa aktar sforzi għaż-żieda fil-mobbiltà ta' mħallfin u għall-iżvilupp tal-kriterji ta' qafas għall-valutazzjoni tal-produttività tagħhom.

4) Biex tkompli titjib l-effiċjenza tal-ġestjoni ta' każijiet ta' delitti tal-gwerra domestiċi.

Il-Kroazja kompliet tipproċessa każijiet ta' delitti tal-gwerra domestiċi. L-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-indirizzar tal-impunità bdiet u ġew indirizzati numru ta' każijiet ta' prijorità fuq livell nazzjonali u reġjonali, b'aktar arresti, akkużi u deċiżjonijiet tal-qrati. Madankollu, il-biċċa l-kbira tad-delitti għadhom ma ġewx segwiti fil-Qorti. Tkompla approċċ aktar bilanċjat għal proċessi quddiem il-qorti kriminali, b'aktar każijiet li qed jiġu trasferiti għall-erba' qrati speċjalizzati (87). Ittieħdu miżuri biex jiġu protetti xhieda b'servizzi mtejbja għall-appoġġ ta' xhieda f'ċerti qrati. Il-bażi ta' dejta ta' delitti tal-gwerra għandha tiġi mtejbja biex tippermetti aktar riċerki ta' informazzjoni analitika u għandha tiġi użata b'mod effiċjenti minn prosekuturi tal-kontea. Il-qrati għandhom jispeċjalizzaw iktar fi proċessi ta' delitti tal-gwerra quddiem il-qorti kriminali, permezz ta' taħriġ speċifiku ta' mħallfin dedikati, u għandhom iħejju għal numru li kull ma jmur qed jiżdied ta' każijiet. Il-Kroazja teħtieġ li tagħti attenzjoni kontinwa lill-kwistjoni tal-ħarsien ta' xhieda u l-attenzenza ta' xhieda fi proċessi ta' delitti tal-gwerra quddiem il-qorti kriminali, speċjalment f'każijiet rilokati għal tribunali speċjalizzati. Għandha tkompli l-analiżi ta' każijiet ippruvati *in absentia*. Il-*Liġi dwar il-invalidazzjoni ta' ċerti atti legali ta' korpi ġudizzjarji ta' dik li kienet l-Armata Nazzjonali Jugoslava, dik li kienet ir-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja u r-Repubblika tas-Serbja* adottata f'Ottubru 2011 tat lok għal tħassib dwar kooperazzjoni bilaterali fil-futur mas-Serbja f'każijiet ta' delitti tal-gwerra. Il-liġi ġiet ikkontestata mill-President fil-Qorti Kostituzzjonali għal raġunijiet proċedurali. Il-Kroazja għamlet kuntatt mas-Serbja biex tindirizza effetti negattivi possibbli tal-liġi, u bdiet negozjati tekniċi mas-Serbja fuq ftehim fuq kooperazzjoni f'dan il-qasam.

Iridu jsiru aktar sforzi biex tiġi indirizzata l-impunità speċjalment minħabba li l-maġġoranza tal-każijiet għad iridu jaslu għall-verdett finali jew għad iridu jiġu investigati. Il-Kroazja teħtieġ li tagħti attenzjoni kontinwa lill-kwistjoni tal-ħarsien ta' xhieda u l-attenzenza ta' xhieda fi proċessi ta' delitti tal-gwerra quddiem il-qorti kriminali, speċjalment f'każijiet rilokati għal tribunali speċjalizzati.

5) Biex jitkompla jiġi żgurat rekord sostnut ta' riżultati sostanzjali bbażati fuq investigazzjoni effiċjenti, effettiva u mingħajr preġudizzju, deċiżjonijiet tal-

prosekuzzjoni u tal-qراطي f'każijiet ta' kriminalità organizzata u ta' korruzzjoni fil-livelli kollha inkluża korruzzjoni f'livell għoli, u f'setturi vulnerabbli bħall-akkwist pubbliku.

Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, għad hemm qafas legali u istituzzjonali adegwat fis-seħħ u rekord ta' implimentazzjoni li tkompli tiġi żviluppata. Korpi ta' infurzar tal-liġi jibqgħu proattivi, speċjalment f'każijiet ta' livell għoli. Żviluppi jinkludu verdetti ta' ħtija kontra manigier preċedenti ta' kumpanija parastatali, sindku ta' belt u mħallf tal-Qorti tal-Kontea għal abbuż tal-uffiċċju u kap ta' akkuża dwar korruzzjoni kontra partit politiku. Filwaqt li l-korpi tal-infurzar tal-liġi jkomplu jiffokaw fuq każijiet iktar kumplessi u ta' livell għoli, in-numru ġenerali ta' każijiet li qed jiġu ġestiti qed jinżel.

Il-livell lokali ta' korruzzjoni jeħtieġ attenzjoni, b'mod partikolari fl-akkwist pubbliku. Il-qafas legali għall-qbid u l-konfiska ta' assi jeħtieġ li jiġi implimentat aħjar mal-bord kollu.

Għandha tingħata aktar attenzjoni għas-sistema ta' ċċekkjar ta' ċaħdiet ta' appelli ta' każijiet kriminali mill-prosekutur. Is-sistema attwali ma tipprovdi għal kontrolli indipendenti fuq deċiżjonijiet minn prosekuturi tal-Istat għal ċaħdiet ta' rapporti ta' kriminalità.

Saru numru ta' ħatriet ta' livell għoli fil-pulizija. Għandha tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Liġi tal-Pulizija, b'mod partikolari għad-depolitizzazzjoni tal-pulizija u ż-żieda fil-professjonaliżmu tal-pulizija.

6) Għat-tkomplija tat-titjib tar-rekord tagħha ta' miżuri ta' prevenzjoni msaħħa fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess.

Il-Kroazja tejbet ir-rekord tagħha ta' miżuri ta' prevenzjoni msaħħa fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz ta' numru ta' strumenti legali, eż. fuq il-finanzjament ta' partiti politiċi u kampanji elettorali, l-aċċess għal informazzjoni u l-akkwist pubbliku. Madankollu, il-Kroazja ma implimentatx b'mod effiċjenti l-miżuri legali kollha għall-prevenzjoni kontra l-kunflitt ta' interess.

Fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kampanji elettorali, il-Kummissjoni Elettorali tal-Istat, li hija l-korp superviżorju, kienet imsaħħa u regoli ġodda ġew applikati għall-elezzjonijiet ġenerali f'Diċembru 2011 mingħajr diffikultajiet ewlenin u bi ffit nuqqasijiet irrappurtati. Twaqqaf grupp ta' ħidma biex jaħdem fuq it-tagħlimiet li ħarġu mill-elezzjonijiet ġenerali fit-tnejn għall-elezzjonijiet lokali ppjanati għall-2013. Huma meħtieġa sforzi kontinwi għal kontroll effettiv tal-finanzjament tal-partiti politiċi, inkluż 'il barra mill-perjodu tal-elezzjoni.

Qed jiġu applikati regoli ġodda għall-aċċess ta' informazzjoni, bl-ewwel appelli li qed jaslu l-qorti. Madankollu, huwa diffiċli l-monitoraġġ ġenerali mill-Aġenzija tal-Ħarsien tad-Dejta, li hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-liġi, minħabba li fl-2011 inqas min-nofs tal-istituzzjonijiet ikkonċernati ppreżentaw rapport lill-aġenzija. Fl-2011, ma ġie applikat l-ebda test ta' interess pubbliku għal dejta klassifikata. Il-prattika attwali tal-Qorti Amministrattiva hija li tikkonferma l-eżistenza ta' dejta bħal din u ċċaħħad l-aċċess għaliha. Il-prattika ta' applikazzjoni tat-test għall-interess pubbliku għal informazzjoni klassifikata teħtieġ li tiġi żviluppata, inkluż permezz ta' bidliet leġiżlattivi.

Il-leġiżlazzjoni ġdida ta' akkwist pubbliku fis-seħħ minn Jannar 2012 tipprovdi għal trasparenza miżjuda, inkluża l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni fuq it-tweġġ attwali ta' kuntratti. L-implimentazzjoni effettiva ta' din il-leġiżlazzjoni hija importanti ħafna.

Leġiżlazzjoni ta' kunflitt ta' interess imtejba u iktar stretta kienet adottata kmieni fl-2011; madankollu, il-Kummissjoni l-għdida tal-Kunflitt ta' Interess għadha ma ġietx maħtura, u din tefgħet lura l-implimentazzjoni tal-liġi. Ittieħdu xi passi inizjali għat-twaqqif tal-Kummissjoni, bil-pubblikazzjoni mill-Parlament f'Awwissu 2012 tat-talba għall-espressjonijiet ta' interess għall-għażla tal-membri tal-Kummissjoni. Is-sistema għall-iċċekkjar ta' dikjarazzjonijiet ta' assi u għid mhux ġustifikat teħtieġ li tiġi msaħħa u implimentata b'mod effettiv.

Id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni preċedenti dwar il-kriterji għal sħubija ta' bordijiet supervizzorji u ta' ġestjoni ta' kumpaniji pubbliċi ġew meġhluca. Il-Kroazja teħtieġ li tiżgura li hemm fis-seħħ sistema b'saħħitha għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni f'kumpaniji parastatali. Il-Kummissjoni tal-Kunflitt ta' Interess teħtieġ li tkun stabbilita mingħajr dewmien. Il-kunċett ta' responsabbiltà politika u toleranza żero ta' korruzzjoni jeħtieġ li jiġi msaħħaħ.

7) Għat-tkomplija tat-tisħiħ tal-ħarsien ta' minoritajiet, inkluż permezz ta' implimentazzjoni effettiva tal-Att Kostituzzjonali tad-Drittijiet tal-Minoritajiet Nazzjonali (CARNM).

L-implimentazzjoni tal-Att Kostituzzjonali dwar id-Drittijiet ta' Minoritajiet Nazzjonali tkompli. Tmien membri parlamentari li jirrappreżentaw minoritajiet nazzjonali ġew eletti f'Diċembru 2011. Ittieħdu xi passi mill-Gvern għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' Mejju 2011 għal impjiegi ta' minoritajiet għall-perjodu 2011-2014. Il-livell ta' impjeg ta' minoritajiet fl-amministrazzjoni tal-istat u fil-ġudikatura jibqa' inqas mir-rekwiżiti mniżżla fl-Att Kostituzzjonali dwar id-Drittijiet ta' Minoritajiet Nazzjonali. Filwaqt li dan jista' jiġi parzjalment spjegat minn relattivament ftit reklutaġġi ġodda minħabba l-kriżi ekonomika ġenerali, għandhom isiru aktar sforzi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan, inklużi sforzi ta' monitoraġġ miżjuda.

Madankollu, il-Kroazja teħtieġ li tkompli tħaddan spirtu ta' tolleranza lejn il-minoritajiet, b'mod partikolari Kroati Serbi u biex jittieħdu miżuri għall-ħarisen ta' dawkl jistgħu jkun għadhom soġġetti għal theddid jew atti ta' diskriminazzjoni, ostilità jew vjolenza. Il-minorità Roma tiffaċċa kundizzjonijiet ta' għajxien partikolarment diffiċli, u jibqgħu sfidi fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-ħarsien soċjali, il-kura tas-saħħa, l-impjiegi u l-aċċess għal dokumenti personali.

8) Għat-tkomplija tal-indirizzar ta' kwistjonijiet pendenti ta' ritorn ta' refuġjati.

Qed ikomplu jiġu implimentati programmi ta' Kura tad-Djar għar-ritorn ta' refuġjati, għalkemm b'pass inqas mġahġġel. Skont il-pjan ta' Marzu 2011 għall-indirizzar ta' 2 350 applikazzjoni pendenti, sa Awwissu 2012, 259 ġew solvuti, li minnhom 139 familja ngħataw iċ-ċwieviet. Sa Awwissu 2012, ingħataw 1 305 approvazzjoni pożittiva għall-kura tad-djar. 'il fuq mil-limitu għall-kura tad-djar. Mal-106 appell għar-rikostruzzjoni ta' djar għadhom pendenti. Id-deċiżjoni fuq il-validazzjoni ta' drittijiet tal-pensjonijiet qed tkompli tkun implimentata. Il-Kroazja komplet tinvolvi ruħha mal-pajjiżi l-oħrajn tar-reġjun fil-Proċess tad-Dikjarazzjoni ta' Sarajevo, li fih qed isir progress, partikolarment fuq il-proċess ta' djar reġjonali. Kien hemm implimentazzjoni limitata tal-għażliet ġodda ta' xiri b'kundizzjonijiet favorevoli għal benefiċjarji tal-kura tad-djar u ma kien l-ebda progress sinifikanti fir-rigward tal-15-il każ ta' investiment mhux sollicitat. Il-kundizzjonijiet għal ritorn sostenibbli ta' rifuġjati għad iridu jiġu iktar żviluppati.

9) Biex tkompli tissaħħaħ u titjieb l-effiċjenza tad-drittijiet tal-bniedem

B'mod ġenerali d-drittijiet tal-bniedem ikompli jiġu rispettati. Madankollu, id-dispożizzjonijiet legali eżistenti jridu jiġu adottati b'iktar saħħa. L-Ombudsman ġenerali u l-ombudspersons speċjalizzati jkomplu jkollhom irwol importanti fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem. Madankollu, għadu jiġi żgurat is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman. Minħabba raġunijiet proċedurali, il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat il-liġi dwar il-fużjoni tal-uffiċċji tal-Ombudsman maċ-Ċentru għad-Drittijiet tal-Bniedem u mat-tliet Ombudspersons għall-ugwaljanza bejn is-sessi, għat-tfal u għal persuni b'diżabbiltà. F'Lulju 2012 kienet adottata leġiżlazzjoni ġdida li ma tantipax aktar il-fużjoni tal-uffiċċji. L-uffiċċji tal-Ombudsman jeħtieġu jiġu msaħħa biex itejbu aktar is-sistema ta' ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem. Dan jinkludi l-provvista ta' finanzjar adegwat u bini għal uffiċċji, u t-twaqqif ta' bażi ta' dejta konġunta.

Il-Kroazja tejbet aktar ir-rekord tagħha ta' implimentazzjoni tal-Att Kontra d-Diskriminazzjoni u l-leġiżlazzjoni dwar reati ta' mibegħda. Dan għandu jtkompla biex jiżviluppa, b'attenzjoni mogħtija għall-iżgurar tal-applikazzjoni ta' sanzjonijiet diżwassivi. Ġew adottati emendi għall-Att Kontra d-Diskriminazzjoni mill-Parlament f'Settembru 2012. Id-dimostrazzjonijiet favur l-omosesswali fi Split u Zagreb saru mingħajr inċidenti, b'impenn b'saħħtu tal-Gvern tal-Kroazja għall-organizzazzjoni mingħajr xkiel tagħhom. Persuni lezbbjani, gay, bisesswali u transġeneru (LGBT) għadhom jiffaċċaw theddid u attakki. Il-qafas legali għal għajjuna legali mingħajr ħlas għandu jittjieb sabiex jippermetti aċċess aħjar għal għajjuna legali u għat-tħaddin tar-rwol tal-NGOs bħala fornituri ta' għajjuna legali.

10) Għat-tkompli ta' kooperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja.

Il-Kroazja qed tkompli tikkoopera mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (, ICTY). Ma kienx hemm żviluppi partikolari fir-rigward tal-investigazzjonijiet tal-Kroazja mmirati lejn il-ksib jew id-determinazzjoni ta' x'jiġri mid-dokumenti militari neqsin mitluba mill-Uffiċċju tal-Prosekutur ICTY. It-talba tal-Kroazja biex tagħxi bħala *amicus curiae* fl-appell kontra l-verdett tal-15 ta' April 2011 fil-każ tal-Ġenerali Kroati Gotovina u Markač ma ġietx aċċettata mill-Qorti. Il-Kap Prosekutur tal-ICTY ħareġ rapport pożittiv fuq il-kooperazzjoni tal-Kroazja mal-ICTY.

Il-Kapitolu 24: Il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà

Il-Kroazja b'mod ġenerali qed tissodisfa l-impenji u r-rekwiżiti li joħorġu min-negozjati tal-adeżjoni fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà u għandha tkun f'pożizzjoni li timplimenta l-acquis mill-adeżjoni. Huma meħtieġa sforzi żejda fil-qasam tal-migrazzjoni, il-politika tal-viża, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar ta' bnedmin u l-antiterroriżmu, sabiex jiġi żgurat li l-Kroazja twettaq it-tħejjijiet tagħha għal sħubija sad-data tal-adeżjoni.

Fil-qasam tal-**migrazzjoni**, il-Kroazja allinjat b'mod ulterjuri mal-acquis u t-tħejjijiet f'dan il-qasam huma kważi kompluti. In-numru ta' migranti rregolari li nqabdu fl-2011 żdied għal 3 461. Fl-istess perjodu, kienu identifikati 552 minuri rregolari mhux akkumpanjati (in-numru tagħhom huwa kważi darbtejn ogħla mis-sena ta' qabel). Tista' tiġi nnotata kooperazzjoni tajba mal-pajjiżi oħrajn tar-reġjun fil-qasam tar-riammissjoni; il-ftehim mal-Bosnija u Herzegovina daħal fis-seħħ f'April 2012. Ġie ffirmat ftehim simili mal-Ġermanja f'Marzu 2012. Ix-xogħol jinsab miexi fil-ħin għall-bini tal-faċilità għal minuri u gruppi vulnerabbli oħrajn ta' migranti rregolari f'Jezevo. Huma meħtieġa sforzi ulterjuri biex jinbeda l-bini ta' żewġ ċentri ta' lqugħ fit-tranżitu addizzjonali għal migranti rregolari. Fuq il-

migrazzjoni rregolari, l-Att dwar il-Barranin il-ġdid daħal fis-seħħ f'Jannar 2012, li wassal għal allinjament ulterjuri tal-leġislazzjoni nazzjonali mal-acquis f'dan il-qasam. It-tħejjija ta' strateġija ta' migrazzjoni ġdida għandha titkompla mingħajr dewmien.

Il-Kroazja se teħtieġ li timplimenta l-qafas legali għal minuri mhux akkumpanjati, bl-iżvilupp ta' assistenza xierqa għalihom, u għall-bidu tal-bini tal-ċentri ta' lqugħ ġodda għal migranti rregolari qabel l-adeżjoni. Soluzzjonijiet temporanji alternattivi, li jikkunsidraw in-numru dejjem jikber ta' migranti li jidħlu fil-pajjiż, speċjalment f'żoni tal-fruntiera, jeħtieġu li jiġu kkunsidrati.

Fil-qasam tal-**asil**, il-Kroazja allinjat kważi b'mod sħiħ mal-acquis. It-tħejjijiet jeħtieġu li jiżguraw kapaċità istituzzjonali suffiċjenti f'dan il-qasam, f'termini ta' persunal suffiċjenti u mħarreġ, li jikkunsidraw b'mod xieraq iż-żieda stabbli fin-numru ta' persuni li jfittxu asil fil-pajjiż.

L-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni fil-qasam ta' għajnuna legali mingħajr ħlas waqt il-proċedura tal-asil kienet adottata f'Marzu 2012. Il-qrati amministrattivi hađu r-responsabbiltà għal każijiet ta' asil tat-tieni istanza minn Jannar 2012. Wara perjodu tranżitorju ta' tliet xhur, il-kummissjoni għall-asil waqfet ix-xogħol tagħha f'Marzu 2012. Numru inizjali ta' postijiet disponibbli għal imħallfin u persunal amministrattivi tal-qrati ġodda kienu mimlija u beda taħriġ fuq l-asil għall-persunal. Refuġjati għadhom jaffaċċjaw diffikultajiet fl-iżgurar ta' aċċess għad-drittijiet mogħtija lilhom mil-liġi nazzjonali. Irid jitkompla r-reklutaġġ u t-taħriġ ta' imħallfin u persunal tal-qrati amministrattivi. In-numru ta' dawk li jfittxu l-asil żdied ħafna, minn 290 fl-2010 għal 807 fl-2011. Il-Ministru tal-Intern żdied l-isforzi tiegħu biex joffri ċerti servizzi għal dawk li jfittxu l-asil, bl-appoġġ tal-NGOs lokali, imma jrid jiġi żgurat l-involviment tal-ministeri kollha l-oħra. Tkomplew it-tħejjijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament Dublin u Eurodac bl-għoti ta' taħriġ rilevanti lill-persunal tal-Ministeru tal-Intern u lill-pulizija tal-fruntiera. Il-Kroazja se jkollha teħtieġ li tiżgura li r-rifuġjati jgawdu minn aċċess sħiħ għad-drittijiet tagħhom.

L-allinjament leġislattiv huwa moderatament avanzat fir-rigward tal-**politika tal-viża** u jeħtieġ li jagħmel progress biex jintlaħaq allinjament sħiħ mal-acquis fuq rekwiżiti tal-viża u dokumenti tal-ivvjaġġar. L-Att dwar il-Barranin il-ġdid se jidħol fis-seħħ f'Jannar 2012; il-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni relatata għadha ma ġietx adottata. Dwar ir-rekwiżiti tal-viża, il-Kroazja allinjat b'mod sħiħ il-leġislazzjoni tagħha mal-lista pożittiva tal-UE tar-Regolament 539/2001. Allinjament ulterjuri hu meħtieġ mal-proċedura uniformi għall-ħruġ ta' viżas u l-kodiċi tal-viża tal-UE. Il-lista ta' pajjiżi liema ċittadini jeħtieġu viża biex jidħlu fit-territorju Kroat għadha mhijiex allinjata b'mod sħiħ ma' dik tal-UE. Il-Gvern adotta deċiżjoni li temporanjament tilliberizza r-reġim tal-viża għal ċittadini tal-Federazzjoni Russa, l-Ukraina u l-Kazakistan għal tranżitu fi jew għal żjarat ta' mhux iktar minn 90 ġurnata mill-1 ta' April sal-31 ta' Ottubru 2012, li mhijiex skont l-acquis; id-deċiżjoni mhux se tkun iktar applikabbli minn Novembru. Passaporti bijometriċi huma konformi ma' standards tal-UE; il-karti tal-identità qodma maħruġa qabel l-2003 għadhom fiċ-ċirkulazzjoni imma minn Awwissu 2012 il-Gvern adotta d-deċiżjoni li ma jistgħux jintużaw bħala dokumenti ta' vvjaġġar validi.

Fir-rigward ta' **fruntieri esterni u Schengen**, sar progress moderat fl-allinjament leġislattiv mal-acquis u hemm ħtieġa li jkompli sabiex il-Kroazja tkun imħejjija li tieħu kontroll tal-fruntieri esterni tal-UE. L-Att dwar il-Kontroll tal-Fruntiera tal-Istat u l-leġislazzjoni implimentattiva tiegħu kienu emendati fl-aħħar tal-2011. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (, IBM) kienet riveduta f'April 2012. Iċ-Ċentru Marittimu Nazzjonali

f'Zadar beda jkun operattiv; safrattant l-interkonnettività tiegħu mal-Ministeri rilevanti trid tiġi żgurata. Il-kooperazzjoni mal-Frontex tjiebet u tinkludi s-sehem tal-Kroazja f'attivitajiet differenti u operazzjonijiet konġunti. Isiru laqgħat regolari ta' koordinazzjoni mal-pajjiżi ġirien, kif ukoll rondi konġunti tal-fruntieri; iridu jitjiebu dawk mas-Serbja u mal-Montenegro. Ġie stabbilit punt ta' kuntatt komuni mas-Serbja fil-punt ta' qsim tal-fruntiera (BCP) ta' Bajakovo-Batrovci u huwa operattiv b'mod sħiħ. F'Diċembru 2011, saret l-ewwel laqgħa ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet tal-Bosnija u Herżegovina għall-implimentazzjoni tal-ftehim reċiproku dwar il-kontroll tal-fruntiera tal-istat. Diskussjonijiet maż-żewġ pajjiżi, u mal-Montenegro, biex ftehimiet bilaterali dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera jinġiebu skont l-acquis qed jimxu 'l quddiem u jeħtieġ li jiġu finalizzati qabel l-adeżjoni. Il-Ftehim ta' Tranżitu Liberu mal-Bosnija u Herżegovina ("Ftehim Neum") jeħtieġ li jinġieb skont l-acquis tal-UE qabel l-adeżjoni.

Intlahhqu kważi l-miri kollha ta' persunal għall-pulizija tal-fruntiera stabbiliti għall-2011; ġew impjegati 308 uffiċjal tal-pulizija ġodda fl-2011. In-numru total f'Mejju 2012 huwa 6 017, li minnhom 4 647 huma fil-fruntiera esterna tal-ġejjieni. Hemm bżonn li jitkompla r-reklutaġġ biex jintlaħħqu l-istandards ta' Schengen. Tkompla t-taħriġ bażiku u speċjalizzat; għandu jkun żgurat allinjament sħiħ mal-programm tal-Kurrikulu Ewlieni Komuni, bit-taħriġ speċjalizzat sistematikament inkluż fil-kurrikulu tal-pulizija tal-fruntiera.

Il-Pjan ta' Azzjoni IBM kien parzjalment implimentat; ċerti attivitajiet ippjanati fl-2011, relatati mal-akkwist ta' tagħmir tekniku u l-infrastruttura, ġew postposti għall-2012. Dewmien f'dawn l-oqsma jrid jiġi monitorjat u indirizzat b'mod xieraq, partikolarment fir-rigward tal-kuridur Neum. Il-kostruzzjoni ta' BCPs fil-kuridur Neum trid tiġi finalizzata biex ikunu operattivi sal-adeżjoni. Tkompliet l-installazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tal-Infurmazzjoni tal-Ġestjoni tal-Fruntieri (NBMIS) imma s-sistema l-ġdida għadha ma ġietx installata fil-BCPs kollha. Minn Awwissu 2012, kienet operattiva f'81 BCP. It-tħejjija u t-taħriġ rilevanti jeħtieġ li jitkomplu.

Għandhom isiru sforzi biex jiġi inkluż il-ftehim interministerjali u għat-tkomplija tar-reklutaġġ, ix-xiri ta' tagħmir u taħriġ, bil-għan li ċ-Ċentru Marittimu Nazzjonali f'Zadar ikun operattiv b'mod sħiħ. Tkompliet il-kooperazzjoni inter-aġenziji fuq kwistjonijiet tal-IBM, imma hemm nuqqas ta' analiżi konġunta ta' riskju. Il-Kroazja se teħtieġ li tindirizza d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni IBM, speċjalment dawk relatati mal-infrastruttura. Il-ftehimiet bilaterali kollha jridu jinġiebu skont l-acquis qabel l-adeżjoni.

Il-Kroazja kompliet fl-allinjament tagħha tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-**kooperazzjoni ġudizzjarja f'kwistjonijiet ċivili u kriminali** u t-tħejjija hi kważi lesta. Ġie ffirmat ftehim f'Ottubru 2011 fuq twettiq reċiproku ta' sentenzi kriminali mal-Montenegro, u ftehim ta' estradizzjoni ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Twaqqaf Grupp ta' Ħidma u ltaqa' bosta drabi għat-tħejjija tal-Att il-ġdid fuq il-Liġi Privata Internazzjonali. Sar progress fil-kooperazzjoni man-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali; qed jiġi żviluppat netwerk ta' punti ta' kuntatt nazzjonali f'dan ir-rigward.

Il-Kroazja se tkun meħtieġa li tkompli ssaħħaħ il-koordinazzjoni interistituzzjonali dwar kooperazzjoni ġudizzjarja.

Fir-rigward tal-**kooperazzjoni tal-pulizija u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**, l-attivitajiet tkomplew bil-għan li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tinġieb skont l-acquis tal-UE u tlaħħaq mal-isfidi fil-futur tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fi ħdan l-UE. F'dan il-

qasam, il-Kroazja mxiet 'il quddiem, imma trid tibqa' viġilanti minħabba l-isfidi importanti fir-rigward ta' attivitajiet ta' kriminalità organizzata f'dan ir-reġjun.

Ġew iffirmati numru ta' ftehimiet bilaterali fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kriminalità organizzata; ġew ratifikati dawk mal-Bulgarija u l-Polonja. Tkomplet kooperazzjoni tajba mal-Europol. Ġew maħtura żewġ uffiċjali ta' komunikazzjoni ġodda, rispettivament għall-Europol u għall-Bosnija u Herżegovina. Kien hemm progress fit-tħejjija teknika u fit-taħriġ tal-persunal għat-twaqqif tat-Talba għal Informazzjoni Supplementari fl-Uffiċċju tad-Dħul Nazzjonali (SIReNE) u l-Uffiċċju Nazzjonali għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS). Il-qafas regolatorju għall-uffiċċju SIS għadu nieqes. Trid tittieħed deċizzjoni dwar il-bini, il-persunal u l-allokazzjoni baġitarja destinata għall-uffiċċju SIReNE.

Kemm il-qafas legali u l-istituzzjonijiet inkarigati għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata kkontribwixxew b'mod effiċjenti biex ikun miġġieled dan il-fenomeni, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell internazzjonali, billi jiġi kkunsidrat il-livell tajjeb ta' allinjament mal-istandards tal-UE miksuba f'dan il-qasam. Tkompla t-taħriġ u l-attivitajiet għat-titjib tal-prestazzjoni tal-pulizija. Il-Gvern iddeċieda li ma jirrevedix il-Liġi dwar il-Pulizija attwalment fis-seħħ; parti mil-leġiżlazzjoni li timplimenta l-Att dwar il-Pulizija għadha nieqsa u teħtieġ li titħejja mingħajr dewmien. Il-Ministeru tal-Intern jeħtieġ li jiżviluppa appoġġ tal-IT biex jiżgura implimentazzjoni trasparenti tal-Istrateġija għall-Ġestjoni tiegħu tar-Riżorsi Umani. Ir-rekord fuq każijiet ta' kriminalità organizzata kompli jiġi żviluppat, mhux inqas fuq it-traffikar tad-droga.

L-implimentazzjoni tal-qafas legali dwar il-qbid u l-konfiska ta' assi teħtieġ li tiġi konsolidata, kif ukoll il-koordinazzjoni bejn investigazzjonijiet kriminali u finanzjarji. Il-livell totali ta' assi maqbudin u konfiskati huwa relattivament baxx u sforzi ulterjuri huma neċessarji f'dan ir-rigward. Hemm fis-seħħ sistema ta' monitoraġġ għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-ġestjoni tal-fruntiera. It-tagħmir u l-bini tal-uffiċċju reġjonali PNUSKOK fi Split xorta jridu jiġu mtejbja; jeħtieġ li jiġu introdotti linji gwida operattivi u taħriġ speċjalizzat għall-persunal tal-uffiċċju li jkun għadhom kif ġew impjegati; Il-korp tat-tieni istanza għall-analiżi ta' każijiet ta' reati kontra l-amministrazzjoni pubblika għad irid jiġi msaħħaħ.

Kooperazzjoni bejn l-aġenzji fl-iskambju ta' dejta fuq tranżazzjonijiet suspettati li jinvolvu l-ħasil tal-flus jew il-finanzjar ta' terroristi issa qed tiġi faċilitata bil-firma ta' anness għall-protokoll ta' kooperazzjoni bejn awtoritajiet li għandhom x'jaqsmu mal-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u r-reati assoċjati mal-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar ta' terroristi. Tkompla taħriġ fuq miżuri ta' kontra l-ħasil tal-flus u fuq il-ġlieda kontra reati ta' ċiberkriminalità. Iridu jitjiebu l-kapaċitajiet amministrattivi fil-qasam ta' kontra l-ħasil tal-flus (*ara wkoll il-Kapitolu 4 – Moviment ħieles ta' kapital*), kif ukoll il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi għat-twettiq ta' investigazzjonijiet finanzjarji.

Il-Kodiċi Kriminali ġdid, adottat f'Ottubru 2011, jaqsam ir-reat kriminali ta' traffikar f'esseri umani u skjavitù, bl-introduzzjoni ta' tipi ġodda ta' esplojtazzjoni. Il-pjan ta' azzjoni nazzjonali kontra t-traffikar ta' esseri umani għall-perjodu 2012-2015 kien adottat fi Frar 2012; twaqqaf kumitat nazzjonali ġdid għal azzjoni kontra t-traffikar f'Marzu 2012.

L-implimentazzjoni tal-qafas leġiżlattiv ġdid dwar ħtiġijiet ta' traffikar teħtieġ li tiġi msaħħa, hekk kif ukoll l-għarfien pubbliku, biex jiġu żgurati l-identifikazzjoni u l-ħarsien aħjar tal-vittmi. Il-kumitat nazzjonali ġdid għal azzjoni kontra t-traffikar għadu ma ltaqax mill-bidu tal-2012.

Fl-2011, ġew identifikati biss 14-il vittma (7 fl-2010). Aktar miżuri jridu jidħlu fis-seħħ biex jiġi żgurat ir-riabilitazzjoni u l-kumpens tagħhom. It-taħriġ għal imħallfin, prosekuturi u ħaddiema taċ-ċivil oħrajn li għandhom x'jaqsmu ma' ħtiġijiet ta' traffikar irid jitjieb, hekk kif ukoll il-livell ta' sentenzi f'każijiet ta' traffikar ta' bnedmin huwa ferm inqas meta mqabbel ma' tipi oħra ta' kriminalità organizzata.

Il-Kroazja se jkollha teħtieġ li tiegħu numru ta' passi f'dan il-qasam qabel l-adeżjoni. Dawn jinkludu t-tqegħid fis-seħħ ta' qafas regolatorju għall-uffiċċju SIS u biex dak SIRENE ikun operattiv b'mod sħiħ, it-titjib tat-tagħmir tal-pulizija u l-faċilitajiet ta' PNUKOK, iż-żieda fil-livell ta' assi maqbudin u konfiskati u koordinazzjoni aħjar ta' investigazzjonijiet kriminali u finanzjarji. Fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' esseri umani, trid tingħata attenzjoni għall-implimentazzjoni tal-qafas legali rilevanti u għad-definizzjoni ġenerali tal-politika f'dan il-qasam.

Fir-rigward tal-kontroll tal-frunteri interni, se tittieħed deċizzjoni mill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen rilevanti fil-Kroazja, skont l-proċeduri ta' Schengen applikabbli u filwaqt li jitqies rapport tal-Kummissjoni li jikkonferma li l-Kroazja tkompli tissodisfa l-impenji li għamlet fin-negozjati tal-adeżjoni tagħha li huma rilevanti għall-acquis ta' Schengen.

Kapitoli oħrajn tal-acquis

Il-Kroazja qed tissodisfa l-impenji u r-rekwiżiti li joħorġu min-negozjati tal-adeżjoni u hija f'pożizzjoni li timplimenta l-acquis mill-adeżjoni fl-oqsma tal-moviment *ħieles għal ħaddiema, il-liġi ta' kumpaniji, il-liġi dwar il-proprjetà intellettuali, is-servizzi finanzjarji, is-soċjetà tal-informazzjoni u l-midja, il-politika ekonomika u monetarja, in-netwerks transEwropej, ix-xjenza u r-riċerka, l-edukazzjoni u l-kultura, kif ukoll il-politika barranija, tas-sigurtà u tad-difiża.*

Il-Kroazja qed tissodisfa l-impenji u r-rekwiżiti li joħorġu min-negozjati tal-adeżjoni u hija f'pożizzjoni li timplimenta l-acquis mill-adeżjoni fl-oqsma tal-moviment *ħieles ta' prodotti, id-dritt għat-twaqqif u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-moviment ħieles ta' kapital, l-akkwist pubbliku, il-politika tat-trasport, l-enerġija, it-tassazzjoni, l-istatistika l-politika soċjali u l-impjiegi, il-politika għal intrapriżi u industrijali, il-ħarsien tal-konsumatur u tas-saħħa, l-unjoni tad-dwana, ir-relazzjonijiet esterni, il-kontroll finanzjarju, u d-dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji.*

Madankollu, sforzi ulterjuri huma meħtieġa għal dawn il-kapitoli, fl-oqsma li ġejjin:

Fil-qasam tal-moviment *ħieles ta' merkanzija*, huma meħtieġa sforzi ulterjuri b'mod partikolari fil-qasam ta' miżuri orizzontali, kif ukoll il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti bl-approċċ il-ġdid u l-qadim. Għandha tingħata attenzjoni urġenti għar-rekwiżiti imposti mill-Kroazja għall-ħażna intermedja addizzjonali ta' prodotti importati ta' żejt mhux maħdum.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tad-dritt *ta' twaqqif u l-libertà għall-provvista ta' servizzi*, b'mod partikolari għall-allinjament mad-Direttiva tas-Servizzi u fil-qasam ta' rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali, minkejja l-progress miksub sa issa fiż-żewġ oqsma.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-moviment *ħieles ta' kapital*, b'mod partikolari fir-rigward ta' emendi għall-Att dwar il-Privatizzazzjoni tal-INA u tat-Telecom kif ukoll l-Att dwar il-Ħarsien tan-Natura u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni kontra l-ħasil tal-flus.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*akkwist pubbliku*, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-att dwar l-akkwist pubbliku ġdid, speċjalment fuq livell lokali, ukoll fid-dawl ta' ġestjoni fil-futur tal-fondi strutturali. Barra minn hekk, hu meħtieġ titjib li jikkonċerna s-sistema ta' rimedji.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*politika tat-trasport*, b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-aġenzija għas-sigurtà ferrovjarja u għat-twaqqif ta' korp konġunt għall-investigazzjoni ta' inċidenti.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*enerġija*, b'mod partikolari għat-tlestija tal-allinjament leġislativ fil-qasam tas-suq tal-enerġija intern, u biex jiġi żgurat l-iżvilupp ta' suq kompetittiv għall-elettriku u l-gass. Il-Kroazja teħtieġ ukoll li tkompli l-isforzi biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-2020 rigward il-promozzjoni tal-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*tassazzjoni*, biex jiġi żgurat li s-sistemi kollha rilevanti tal-IT huma fis-seħħ u li jkunu jistgħu jagħmlu skambju ta' informazzjoni mal-UE u Stati Membri oħra mid-data tal-ađeżjoni.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*istatistika*, b'mod partikolari għat-tlestija ta' tħejjijiet fl-oqsma tal-programm ta' trasmissjoni ESA95, l-inventarju tal-ING u d-defiċit tal-gvern u l-istatistika tad-dejn (EDP).

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*politika soċjali u l-impjiegi*, b'mod partikolari għat-tlestija tal-allinjament legali fil-qasam tal-opportunitajiet indaqs, l-indirizzar tad-dgħufijiet strutturali fis-suq tax-xogħol, immirar aħjar tas-servizzi soċjali, u għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*politika tal-intrapriżi u industrijali*, b'mod partikolari għat-titjib fl-ambjent ta' negozji u għall-allinjament tal-leġislazzjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra ħlas fit-tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*ħarsien tal-konsumatur u tas-saħħa*, b'mod partikolari fil-qasam tar-riproduzzjoni assistita medika, fejn l-allinjament legali għad irid jitlesta, u fl-oqsma tad-demm, tessuti u ċelluli, fejn faċilitajiet għall-ġestjoni tagħhom iridu jiġu mtejba u ristrutturati skont ir-rekwiżiti tekniċi tal-UE, u fir-rigward ta' persunal tal-Awtorità Kompetenti Nazzjonali f'dan il-qasam.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*unjoni tad-dwana*, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li s-sistemi kollha rilevanti tal-IT huma fis-seħħ u li jkunu jistgħu jagħmlu skambju ta' informazzjoni mal-UE u Stati Membri oħra mid-data tal-ađeżjoni.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tar-*relazzjonijiet esterni*, b'mod partikolari fir-rigward ta' allinjamenti mal-acquis ta' ftehimiet ta' investiment bilaterali Kroati ma' pajjiżi terzi.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*kontroll finanzjarju*, b'mod partikolari għall-konsolidazzjoni tal-funzjonament ġenerali tal-Kontroll Pubbliku Intern tal-Finanzi u l-verifika esterna fil-livell ċentrali u lokali.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tad-*dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji*, b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċità għall-koordinazzjoni tas-sistema ġenerali tar-riżorsi proprji

b'mod effiċjenti wara l-adeżjoni. Irid ikun hemm spinta fil-modernizzazzjoni tal-istrateġija tal-kontroll tad-dwana, sabiex tiffoka iktar fuq kontrolli wara l-awtorizzazzjoni doganali.

Il-Kroazja b'mod ġenerali qed tissodisfa l-impenji u r-rekwiżiti li joħroġu min-negozjati tal-adeżjoni u għandha tkun f'pożizzjoni li timplimenta l-acquis mill-adeżjoni fl-oqsma tal-*politika ta' kompetizzjoni, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sigurtà tal-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja, is-sajd, il-politika reġjonali u l-koordinazzjoni ta' strumenti strutturali, id-drittijiet ġudizzjarji u fundamentali, il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà u l-ambjent*.

Madankollu, sforzi ulterjuri huma meħtieġa għal dawn il-kapitoli, fl-oqsma li ġejjin:

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*agrikoltura u l-iżvilupp rurali*, fil-qasam ta' ħlasijiet diretti u l-iżvilupp rurali.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*politika tas-sigurtà tal-ikel, veterinarja u fitosanitarja*, fil-qasam tas-settur ta' prodotti sekondarji mill-annimali, it-titjib ta' stabbilimenti u l-monitoraġġ u b'mod partikolari fir-rigward tal-postijiet ta' spezzjoni mal-fruntiera. Trid tingħata attenzjoni kontinwa għat-tisħiħ ulterjuri tal-kapaċità amministrattiva f'dan il-qasam.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tas-*sajd* fl-allinjament leġiżlattiv u fl-implimentazzjoni tal-acquis fl-oqsma tal-flotta u l-ġestjoni tar-riżorsi, l-ispezzjoni u l-kontroll kif ukoll il-miżuri strutturali, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnejn tal-pjanijiet ta' ġestjoni, l-eliminazzjoni gradwali tal-kategorija tas-sajd ta' sussistenza u t-tlestija tas-sistema bbażata fuq satellita għall-monitoraġġ ta' bastimenti.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*politika reġjonali u l-koordinazzjoni ta' strumenti strutturali*, tal-kapaċità amministrattiva għal implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fil-futur u għall-iżvilupp ta' proġett ta' kwalità għolja u matur bil-għan li jkun hemm assorbiment mgħaġġel tal-fondi ta' politika reġjonali, li jkomplu jibnu fuq ir-rapport riċenti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fil-qasam tal-*ambjent*, biex il-leġiżlazzjoni tiġi implimentata u infurzata b'mod xieraq. Huma meħtieġa passi urġenti fil-qasam tal-*bidla fil-klima* biex tkun f'pożizzjoni li timplimenta l-acquis sad-data tal-adeżjoni. Il-kapaċità amministrattiva teħtieġ li tissaħħaħ, speċjalment fl-oqsma tal-bidla fil-klima, il-kontroll tat-tniġġis industrijali u l-ġestjoni tar-riskju, il-ħarsien tan-natura u kimiċi. Iridu jiżdiedu l-investimenti mas-setturi, imma l-aktar b'mod partikolari fl-oqsma tal-kwalità tal-arja, il-kontroll tat-tniġġis industrijali u l-ġestjoni ta' riskju, l-ilma u l-iskart. Trid tingħata attenzjoni speċifika għat-tweqqif fil-ħin ta' impenji fl-oqsma tal-kontroll tal-iskart u t-tniġġis industrijali u l-ġestjoni ta' riskju. Irid ikun hemm titjib sinifikanti fil-kwalità ta' valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali għal proġetti.

2.4 It-traduzzjoni tal-acquis

Il-Kroazja trid tiżgura li l-acquis jiġi tradott għall-Kroat. Minn kważi 144 000 paġna tal-acquis, il-Kroazja ttraduċiet madwar 114 000 paġna. Madankollu, madwar 50 % ta' dawn il-paġni li diġà ġew tradotti għad irid jiġu riveduti mill-awtoritajiet nazzjonali qabel ma jistgħu jingħataw lill-istituzzjonijiet tal-UE.

Il-Kroazja għandha żżid iktar il-kapaċità tagħha li tiżgura t-tlestija tat-traduzzjoni u r-reviżjoni tal-acquis fil-ħin għall-adeżjoni. Il-Kummissjoni tagħmel sejħa lill-awtoritajiet Kroati biex

iżommu fowkus fuq din il-kwistjoni, li hija essenzjali biex tiżgura ċertezza legali fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE.

2.5 Miżuri ta' appoġġ tal-UE

Assistenza finanzjarja hija pprovduta skont l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (Instrument for Pre-Accession Assistance, IPA). Il-programmi tal-IPA tal-2012 ammontaw għal EUR 156 miljun. Din l-assistenza hija ffokata fuq it-trawwim tal-istituzzjonijiet u għat-tħejjija għall-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni tal-UE u l-politika ta' koeżjoni. Barra minn hekk, il-Kroazja kompliet tibbenefika minn programmi reġjonali u orizzontali. Intlaħaq ftehim għal faċilità tranżitorja għall-ewwel sena wara l-adeżjoni għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja fil-Kroazja.

3. Konklużjonijiet

Fid-dawl ta' dan kollu hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonferma l-valutazzjoni ta' qabel tagħha li l-Kroazja tkompli tissodisfa l-kriterji politiċi. Madankollu, l-isforzi jridu jkomplu sabiex isaħħu l-istat tad-dritt, bit-titjib tal-amministrazzjoni u s-sistema ġudizzjarja, u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata b'mod effettiv. Fir-rigward tal-kriterji ekonomiċi, il-Kroazja hija ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Implimentazzjoni vigoruża ta' riformi strutturali meħtieġa b'mod urġenti għandha tippermetti lill-Kroazja biex tlaħħaq mal-pressjonijiet kompetittivi u mal-forzi tas-swieq fl-Unjoni fi żmien qasir.

Il-Kroazja kompliet tagħmel progress fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tagħha tal-leġislazzjoni tal-UE u issa qed tlesti l-allinjament tagħha mal-acquis. Inkiseb aktar suċċess mir-Rapport ta' Progress tal-2011, segwit mir-Rapport ta' Monitoraġġ fuq it-tħejjijiet għall-adeżjoni tal-Kroazja u l-aħħar aġġornament tat-tabelli ta' monitoraġġ ta' April 2012. Il-Kummissjoni identifikat ukoll numru ta' oqsma fejn hu neċessarju aktar titjib u numru limitat ta' kwistjonijiet fejn huma meħtieġa sforzi miżjuda. Dawn il-kwistjonijiet jirrelataw b'mod partikolari (1) għat-tħejjijiet għal fondi strutturali tal-UE fil-futur sabiex jiġi żgurat il-ġestjoni xierqa tagħhom; (2) għar-ristrutturazzjoni tal-industrija tat-tarzna Kroata; (3) għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt permezz ta' implimentazzjoni kontinwa tal-impenji tal-Kroazja għal titjib ulterjuri tal-amministrazzjoni pubblika, is-sistema ġudizzjarja, (4) għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni b'mod effettiv, kif ukoll għall-(5) ġestjoni tal-fruntieri esterni. Bla ħsara għall-importanza tal-indirizzar tal-kwistjonijiet kollha misħuqa fir-Rapport ta' Monitoraġġ Komprensiv, il-Kummissjoni tikkunsidra li għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-Kroazja fix-xhur li ġejjin għall-azzjonijiet speċifiċi li ġejjin fl-oqsma tal-politika ta' kompetizzjoni, il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali, u l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja:

1. L-iffirmar tal-kuntratt ta' privatizzazzjoni għat-tarzna Brodosplit u li tiegħu d-deċiżjonijiet neċessarji biex issib soluzzjoni vijabbli għat-tarzni 3.Maj u Brodotrogir sabiex tlesti r-ristrutturar tal-industrija tat-tarzna Kroata.
2. L-implimentazzjoni tal-miżuri fi żmien qasir immedjat u fil-futur elaborati f'Settembru 2012 għal żieda tal-effiċjenza tal-ġudikatura u t-tnaqqis ta' kawżi b'lura tal-qrati.
3. L-adozzjoni tal-liġi ta' infurzar ġdida, sabiex tiżgura t-twettiq tad-deċiżjonijiet tal-qrati u tnaqqas il-każijiet b'lura ta' infurzar.
4. It-twaqqif tal-Kummissjoni dwar il-Kunflitt ta' Interess sabiex tibda l-attivitajiet ta' xogħol regolari.

5. L-adozzjoni tal-liġi ġdida fuq l-aċċess għal informazzjoni, sabiex issaħħaħ il-qafas legali u amministrattiv fil-qasam tal-aċċess għal informazzjoni.
6. It-tlestija tal-adozzjoni ta' by-laws relatati, biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-liġi tal-pulizija.
7. It-tlestija tal-kostruzzjoni ta' postijiet mal-qsim tal-fruntiera fil-kuridur Neum.
8. Il-ksib tal-mira ta' reklutaġġ stabbilita għall-pulizija tal-fruntiera għall-2012.
9. L-iffinalizzar u l-adozzjoni tal-istrateġija ta' migrazzjoni, fejn jiġu definiti b'mod ċar il-miżuri għall-integrazzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli ta' migranti.
10. Iż-żieda tal-kapaċità tagħha għat-traduzzjoni u r-reviżjoni tal-acquis fil-ħin għall-adeżjoni.

Barra minn hekk, għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-Kroazja fil-qasam tal-iżvilupp agrikolu u rurali, għat-tlestija tal-allinjament tal-leġiżlazzjoni fuq pagamenti diretti u fl-akkreditazzjoni tal-aġenzija tal-pagamenti għal pagament diretti sa mhux aktar tard mit-tmiem tal-2012.

Fid-dawl tar-ristrutturar sostanzjali riċenti tal-amministrazzjoni pubblika, u billi jiġu kkunsidrati r-responsabbiltajiet addizzjonali relatati mas-sħubija tal-UE, il-Kroazja għandha tiegħu passi immedjati biex tindirizza l-limiti tal-kapaċità amministrattiva identifikati fil-Rapport ta' Monitoraġġ Komprensiv u biex tiżgura li t-twettiq tat-tħejjijiet għas-sħubija tal-UE ma jiġix affettwat.

L-awtoritajiet Kroati jeħtieġu jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li l-pajjiż huwa mħejji b'mod sħiħ għal sħubija sal-1 ta' Lulju 2013. Din tinkludi t-traduzzjoni sħiħa tal-acquis f'biżżejjed ħin qabel l-adeżjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja t-twettiq tal-impenji li ttieħdu mill-Kroazja fil-kuntest tan-negozjati tal-adeżjoni li jiffokaw fuq il-kwistjonijiet identifikati fir-rapport ta' monitoraġġ komprensiv u, f'ċirkostanzi li jitolbu hekk, tagħmel użu sħiħ tal-istrumenti kollha disponibbli skont l-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni.

Skont dak l-Artikolu, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport ta' monitoraġġ finali dwar it-tħejjijiet ta' adeżjoni tal-Kroazja fir-rebbiegħa 2013.

Sabiex il-Kroazja tingħata għajnuna għat-tħejjija għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-UE, il-Kroazja se tiegħu sehem fis-semestru Ewropew tal-2013 fuq bażi informali.

Il-Kroazja hi mistennija li tkompli jkollha rwol attiv fil-kooperazzjoni reġjonali fil-Balkani tal-Punent, u hi mhegħa li tindirizza l-kwistjonijiet bilaterali li għadhom miftuħin mal-ġirien tagħha.